MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru. 267/2010

Il-Pulizija
(Sp Fabian Fleri)
vs
Sharlon Fenech, bint Lorenzo, imwielda Pieta' fis-17 ta' Marzu, 1994, Karta ta' l-Identita numru 135194(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, liema atti ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
1. fit-8 ta' Marzu, 2010 u fil-ġranet u fil-ġimgħat ta' qabel din d-data minn ġewwa Block 2, Flat 5, Triq San Filippu, Birgu, ikkometta serq ta' flus kontanti li l-valur tagħhom jeċċedi €232.94 iżda ma jeċċedix €2,329 għad-dannu ta' ommu Janet Fenech, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna, bil-lok, bil-mezz u bil-valur.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-

ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-persuna hawn fuq indikata.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Ġunju, 2010 Janet Fenech ħafret lil binha u mhux ser toffri x-xhieda tagħha.

Għaldaqstant, fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------